


## X'inhi l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku?

- Korp indipendenti mwaqqaf skond il-Kostituzzjoni ta' Malta (Kapitlu 10)
- L-irwol fundamentali tagħha hu li tagħmel rakkomandazzjonijiet u tagħti pariri lill-Prim Minist dwar:
  - Ħatra ta' uffiċċjali pubbliċi
  - Eżerċizzju ta' dixxiplina dwar uffiċċjali pubbliċi
  - Tneħħija ta' uffiċċjali pubbliċi mis-servizz.

Public Service Commission

# IL-PROĊEDURI TAL-KUMMISSJONI HUMA GGWIDATATI:

- Mill-Kostituzzjoni ta’ Malta

- Mir-Regolamenti ta’ l-1960 tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (kif sussegwentement emendati).

- Mir-Regolamenti ta’ l-1999 tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (Proċedura ta’ Dixxiplina)




**Azzjoni skond ir-Regolamenti ta' l-1999 tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (Proċedura ta' Dixxiplina)**

**OFFIŻI KRIMINALI**

**Azzjoni skond ir-Regolamenti 13 -16**

**KONDOTTA ĦAŻINA JEW KSUR TA' DIXXIPLINA**

**Azzjoni skond ir-Regolamenti 18 -32**

# OFFIŻI KRIMINALI *(Reg 13)*

Meta Kap ta’ Dipartiment isir jaf b’reat kriminali li seta’ twettaq minn xi uffiċjal pubbliku, dak il-Kap għandu jikkonsulta lill-Avukat Ġenerali dwar:

- jekk għandhiex tittieħed azzjoni dwar ir-reat u **jekk iva**;
- jekk għandhiex tinbeda prosekuzzjoni; jew
- jekk għandhiex tittieħed azzjoni dixxiplinarja skond dawn ir-Regolamenti. Jekk dan ta’ l-aħħar ikun il-każ, l-akkużi għandhom jiġu approvati mill-Avukat Ġenerali.




# OFFIŻI KRIMINALI *(Reg 14)*

## Jekk tkun ser tittieħed azzjoni kriminali kontra l-uffiċjal:

- Sew l-uffiċjal kif ukoll il-Kummissarju tal-Pulizija għandhom individwalment jirrapportaw il-fatt lill-Kap tad-Dipartiment.
- Il-Kap tad-Dipartment għandu jirrapporta l-fatti lill-Kummissjoni, flimkien ma rakkomandazzjoni li fiha jagħti r-raġunijiet dwar jekk l-uffiċjal għandu jiġi interdett jew le mill-eżerċizzju tas-setgħat u l-funzjonijiet tal-kariga tiegħu.
- Jekk il-Kap tad-Dipartment jirrakkomanda interdizzjoni, hija/huwa tista'/jista' jissospendi lill-uffiċjal mix-xogħol sakemm tasal id-deċiżjoni tla-Prim Ministru li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni. Iżda, jekk l-interdizzjoni ma tiġix awtorizzata, l-uffiċċjal konċernat għandu jissejjaħ lura għax-xogħol u jingħata kull ħlas ta' salarju li jkun inżammlu.

Public Service Commission

# OFFIŻI KRIMINALI

## Jekk uffiċjali ikun ġie interdett mix-xogħol:

- Jingħata/Tingħata nofs is-salarju. Biss, ma jsir ebda ħlas ta’ salarju jekk l-uffiċjal ikun miżmum taħt arrest preventiv.
- M’għandux ikollu aċċess għal bini u dokumenti pubbliċi.
- Ma jistax jitlaq minn Malta mingħajr il-permess bil-miktub tal-Kap tas-Servizz Pubbliku. Jekk jitlaq jista’ jitkeċċa mis-servizz.
- Jekk jitlaq mis-servizz qabel jintemm il-każ, l-ammont ta’ salarju li ma tħallasx, jibqa’ miżmum sakemm jinqata’ l-każ. Jekk imut, l-ammont miżmum jitħallas lill-werrieta.
- M’għandha tittieħed ebda azzjoni dixxiplinarja oħra dwar l-istess każ li jkun qed jiġi trattat fil-Qorti, qabel ma jingħalaq il-każ.
- Kap ta’ Dipartiment għandu jsegwi l-każ sakemm jinqata’ u jżomm lill-Kummissjoni infurmata bl-iżviluppi li jista’ jkun hemm fil-każ.




# OFFIŻI KRIMINALI *(Reg 15)*

**Jekk uffiċjal ma jinstabx ħati ta' l-akkużi krininali:**

- M'għandha tittieħed ebda azzjoni qabel ma jinqata' l-appell jekk ikun sar appell;
- M'għandu jingħata l-ebda kastig mill-Kummissjoni fuq każ li dwaru uffiċju inkun instab mhux ħati;
- Madankollu, tista' tittieħed azzjoni dixxiplinarja dwar xi mġiba mhix korretta li tirriżulta mill-każ, basta li ma tkunx dik li dwarha ma jkunx ġie misjub ħati mill-Qorti. F'każ li tkun ser tittieħed azzjoni dixxiplinarja, l-akkuża trid tiġi approvata mill-Avukat Ġenerali.
- Kap ta' Dipartiment għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar id-deċiżjoni tal-Qorti u jekk hux bi ħsiebu jieħu azzjoni dixxiplinarja.

# OFFIŻI KRIMINALI *(Reg 16)*

## Jekk uffiċjali jinstab ħati ta' offiża/i kriminali:

- Kap ta' Dipartment għandu jissottometti lill-Kummissjoni kopja tas-sentenza tal-Qorti u jinfurmaha jekk ikunx sar appell jew le.

- Wara li tkun ittieħdet deċiżjoni finali mill-Qorti, Kap ta' Dipartiment m'għandu xejn x'jagħmel iżjed għajr li jinforma lill-Kummissjoni. Imbagħad f'idejn il-Kummissjoni dwar x'kastig għandu jingħata.

- Jekk il-Kummissjoni tikkonsidra li l-kastig jista' jkun tkeċċija jew twissija ta' tkeċċija, jew inkella t-telfien ta' xi salarju miżmum waqt is-sospensjoni/interdizzjoni, l-uffiċjali jingħata d-dritt li jagħmel sottomissjonijiet bil-miktub qabel tiddeċiedi. Il-Kummissjoni tista' wkoll tagħti opportunita` lill-uffiċjal konċernat għal smiegħ waqt seduta.

Public Service Commission

# KONDOTTA ĦAŻINA MINURI jew KSUR TA’ DIXXIPLINA

**(Regolament 18 - *Ċanfira*)**

- Uffiċjal għandu jkollu s-setgħa li jċanfar uffiċjal ieħor li jkun responsabbli għalih għal kull imġiba ħażina minuri jew ksur ta’ dixxiplina jew xogħol mhux sodisfaċenti. L-uffiċjal konċernat għandu jingħata l-opportunita` biex jiskolpa ruħu.

- L-uffiċjal li jagħti ċ-ċanfira għandu jżomm rekord taċ-ċanfira *(mhux fil-file uffiċjali ta’ dak li ġie mogħti ċ-ċanfira)*. Dan ir- rekord għandu jitħassar wara sitt xhur.

- Uffiċjal inkarigat għandu jirrapporta lill-Kap tad-Dipartiment kull meta l-istess uffiċjal ikun ingħata ċanfira fi tliet okkażjonijiet f’sitt xhur.

Public Service Commission

# KONDOTTA ĦAŻINA jew KSUR TA’ DIXXIPLINA
## (Offiżi għandhom jiġi rrapportati bla dewmien – Reg 5)

- Uffiċjali għandu jirrapporta lill-Kap tad-Dipartment kull kondotta ħażina jew ksur ta’ dixxiplina li jsir minn uffiċjal li jkun taħt ir-responsabbilta` tiegħu, minnufih kif isir jaf bir-reat u f’ebda każ aktar tard minn **ħamest ijiet** ta’ xogħol wara li jsir jaf bir-reat, **kemm-il darba ma jkunx ħa azzjoni skond ir-Regolament 18.**

- Vittma ta’ offiża jista’ jirrapporta **fi żmien sitt xhur**. F’każi bħal dawn, Kap ta’ Dipartiment għandu jagħmel investigazzjoni preliminari **fi żmien ħmistax-il ġurnata** u jiddeċiedi għandhomx jinbdew proċeduri dixxiplinarji kontra l-uffiċjal li dwaru jkun sar ir-rapport.

Public Service Commission

# DIXXIPLINA SOMMARJA
## (Regolament 19)

- F'każ ta' ksur ta' dixxiplina f'ħaġa żgħira, Kap ta' Dipartment jista' jinforma *(bil-kitba)* lill-uffiċjal konċernat li bi ħsiebu jagħtih twiddiba.

- L-uffiċjal konċernat jingħata l-opportunita` li jwieġeb *(fi żmien għaxart ijiem)* u, jekk jonqos/tonqos li jiskolpa/tiskolpa lilu/lilha nnifsu/nnifisha, il-Kap tad-Dipartment jagħti t-twiddiba. It-twiddiba tidħol fir-rekord tas-servizz ta' l-uffiċjal konċernat, imma tiġi kanċellat wara tnax-il xahar.

Public Service Commission

# PROĊEDURA TAD-DIXXIPLINA TAĦT IR-REGOLAMENT 20

- Kap ta’ Dipartiment jipprepara dikjarazzjoni bil-miktub ta’ l-akkuża/i u jgħarraf lill-uffiċjal konċernat jekk, fil-fehma tiegħu, l-akkuża/i jikkostitwux reat/i minuri jew gravi u jekk jistgħu/x iwasslu għat-tkeċċija. Dan irid isir:
  - Fi żmien **<u>tletin ġurnata tax-xogħol</u>** mid-dati li fiha ġie nfurmat bl-offiża/i; jew
  - Fi żmien **<u>tliet xhur</u>** mid-data li fiha jkun ġie ffirmat rapport ta’ nkjesti li tkun saret dwar l-Att dwar Inkjesti.
- L-uffiċjal konċernat jingħata **<u>għaxart ijiem tax-xogħol</u>** biex jgħid ir-raġunijiet li minħabba fihom m’għandux jiġi akkużat.




# DIXXIPLINA
## (Wara l-ħruġ ta' l-akkuża/i)

Jekk l-uffiċjal jiskolpa lilu/lilha nnifsu/nnifisha

Kap ta' Dipartiment għandu jinforma lill-uffiċjal u jżomm kopja tad-dokumenti kollha fil-*file* personali ta' l-uffiċjal.

Jekk l-uffiċjal jammetti l-akkużi li saru kontrih

Kap ta' Dipartiment għandu jinforma lill-uffiċjal dwar id-deċiżjoni tiegħu fuq il-każ u fuq il-kastig jekk ikun il-każ.

Jekk l-uffiċjal ma jweġibx fi żmien għaxart ijiem jew ma jiskolpax ruħu

Kap ta' Dipartment għandu japponta Bord ta' Dixxiplina skond ir-Regulament 21

# BORDIJIET TAD-DIXXIPLINA

***(Appuntati mill-Kap tad-Dipartment skond ir-Regolament 21)***

Il-Bord ikun kompost minn ***Chairperson*** u **żewġ membri**:

- mhux inqas minn skala 10;
- mhux inqas minn żewġ skali mill-uffiċjali akkużat;
- mhux fl-istess grad ta' l-uffiċjal akkużat;
- ma jkollux konnessjoni mal-każ.

- ta' l-inqas skala ta' salarju 'l fuq mill-uffiċjal akkużat;
- mhux fl-istess grad ta' l-uffiċjal akkużat;
- ma jkollux konnessjoni mal-każ.

**Imma** jekk il-Kap tad-Dipartment ikun informa lill-uffiċjal akkużat li l-każ jista' jwassal għat-tkeċċija, iċ-Chairperson għandu jkun mhux inqas mill-grad ta' Assistent Direttur jew ekwivalenti.

Public Service Commission

# L-IRWOL TAL-BORDIJIET TAD-DIXXIPLINA U TAL-KAPIJIET TAD-DIPARTIMENT FIL-PROĊEDURI TAD-DIXXIPLINA

- Il-Bord tad-Dixxiplina għandu jistħarreġ il-każ, jistabbilixxi l-fatti u jibgħat il-konklużjonijiet lill-Kap tad-Dipartment u lill-uffiċjal akkużat kemm jista' jkun malajr u f'ebda każ aktar tard **minn tletin jum tax-xogħol** mid-data li fiha l-każ ikun intbagħat lilu.

- Għal raġunijiet serji u validi, **il-Kap tad-Dipartment jista' jestendi it-tletin jum sa massimu ta' tletin jum ieħor**. Aktar minn hekk, tkun meħtieġa l-approvazzjoni tal-Kummissjoni.

Public Service Commission

# L-IRWOL TAL-KAP TAD-DIPARTMENT WARA LI DAN JIRĊIEVI R-RAPPORT TAL-BORD

Jekk il-każ kien wieħed li ***'jekk jiġi pruvat, jista' jwassal għat-tkeċċija'.***

- Il-Kap tad-Dipartment għandu jissottometti kopja tar-rapport lill-Kummissjoni biex tiddeċiedi dwaru;
- Qabel tiddeċiedi, il-Kummissjoni tagħti lill-uffiċjal akkużat u lill-Kap tad-Dipartment biex jagħmlu s-sottomissjonijiet orali.

F'każi oħra, l-Kap tad-Dipartiment għandu

- Jagħti opportunita` lill-uffiċjal akkużat biex jagħmel sottomissjonijiet bil-miktub jew bil-fomm, fi żmien għaxart ijiem;
- Jinforma lill-uffiċjal akkużat bid-deċiżjoni tiegħu u, jekk ikun il-każ, bil-kastig li jkun tah.




# PIENI LI JISTGĦU JIĠU IMPOSTA WARA LI XI ĦADD JINSTAB ĦATI TA' REAT DIXXIPLINARJU

## PIENI GĦAL REATI ŻGĦAR

| | |
|---|---|
| ➢ L-ewwel każ ta' dixxiplina | ➢ Twiddiba bil-miktub ***(Din titħassar wara tnax-il xahar jekk ma jkunux saru reati oħra)*** |
| ➢ It-tieni każ ta' dixxiplina | ➢ Sospensjoni bla paga sa tliet ijiem |
| ➢ It-tielet każ ta' dixxiplina | ➢ Sospensjoni bla paga sa ħamest ijiem u twissija ta' tkeċċija |
| ➢ Ir-raba' każ ta' dixxiplina | ➢ Tkeċċija ***(dejjem b'deċiżjoni tal-Kummissjoni.)*** |

## PIENI GĦAL REATI GRAVI

- ➢ Sospensjoni bla paga sa ħamest ijiem; jew
- ➢ Sospensjoni bla paga sa ħamest ijiem u twissija ta' tkeċċija; jew
- ➢ Tkeċċija

***Iżda il-piena ta' sospensjoni bla paga sa ħamest ijiem ma tistax tingħata għal aktar minn f'żewġ każi dixxiplinarji gravi.***

Public Service Commission

# APPELLI F'KAŻI TA' DIXXIPLINA

**Uffiċjal jista' jappella kontra sejbien ta' ħtija jew piena imposta**

- **JEKK**: (a) l-akkuża kienet gravi; (b) il-piena kienet tinkludi 'twissija ta' tkeċċija (c) kien hemm nuqqas ta' ħarsien serju tal-proċedura;
- Lill-Kummissjoni fi żmien għaxart ijiem u tintbagħat kopja lill-Kap tad-Dipartment.
- Il-Kap tad-Dipartiment għandu jissottometti d-dokumenti kollha lill-Kummissjoni
- Il-piena m'għandiex tiġi imposta qabel jiġi deċiż l-appell.

**Meta l-Kap tad-Dipartiment jista' ma jkunx sodisfatt bil-konklużjoni tal-Bord**

- JEKK (a) l-akkuża kienet gravi; (b) il-piena kienet tinkludi 'twissija ta' tkeċċija; (c) kien hemm nuqqas ta' ħarsien serju tal-proċedura;
- Lill-Kummissjoni fi żmien għaxart ijiem u tintbagħat kopja lill-uffiċjal akkużat.
- Qabel tiddeċiedi, il-Kummissjoni tagħti lill-uffiċjal akkużat u lill-Kap tad-Dipartment biex jagħmlu s-sottomissjonijiet orali.

# TNEĦĦIJA MILL-KARIGA

## BĦALA RIŻULTAT TA' PROĊEDURI KRIMINAL JEW DIXXIPLINARJI

Il-proċedura sħiħa tinsab fis-slides preċedenti.

Aktar dettalji jinsabu fir-Regolamenti 17-28

## IRTIRAR FL-INTERESS PUBBLIKU *(Reg. 35)*

- Il-Kap tad-Dipartiment għandu jirrapporta l-fatti lis-Segretarju Permanenti Prinċipali u dan jitlob il-kumment ta' l-uffiċjali konċernat.
- Is-Segr. Perm. Prinċipali jagħmel sottomissjoni lill-Kummissjoni li tagħmel lill-uffiċjal l-oppotunita` biex jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu.

## ASSENTEJIŻMU MINGĦAJR LEAVE *(Reg. 36)*

Meta uffiċjal jassenti ruħu mix-xogħol mingħajr leave għal mhux anqas minn għaxart ijiem, il-Kap tad-Dipartiment għandu jinfurmah biex, fi żmien għaxart ijiem, jiġġustifika l-assenza tiegħu inkella jiġi kkunsidrat li rriżenja mis-servizz.




# META UFFIĊJALI JITLAQ MIS-SERVIZZ FILWAQT LI JKOLLU KAŻ PENDENTI

## F'każ li jkollu proċeduri dixxiplinarji pendenti

- Il-Kap tad-Dipartiment għandu jistaqsi lill-uffiċjal konċernat biex, fi żmien għaxart ijiem, jgħid jekk jixtieqx li s-smiegħ tal-każ tiegħu ikompli.
- Jekk l-uffiċjal jiddeċiedi li s-smiegħ ikompli u jinstab ħati, l-uffiċjal m'għandu jingħata ebda pieni, imma tinżamm not fir-rekord personali ta' l-uffiċjal.
- Jekk ma jweġibx jew jiddeċiedi li s-smiegħ ma jkomplix, titniżżel nota fir-rekord personali li kellu każ pendenti.

## F'każ li jkollu proċeduri kriminali pendenti

- M'għandha tittieħed ebda azzjoni dixxiplinarja u lanqas tingħata xi piena mill-Kummissjoni.
- Madankollu l-Kap tad-Dipartment għandu jibqa' jsegwi l-każ sakemm jinqata' mill-Qorti u jżomm nota fir-rekord personali ta' l-uffiċjal dwar l-eżitu tal-każ.
- Uffiċjal li jitkeċċa mis-servizz jitlef kull dritt għall-pensjoni.